31990R2723

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2723/90
tal-24 ta' Settembru 1990
li jibdel il-kodiċijiet stabbiliti fuq il-bażi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1987 ma' dawk stabbiliti fuq il-bażi tan-nomenklatura magħquda f'ċerti Regolamenti li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2472/90 [2], u b'mod partikolari -Artikolu 15 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar it-Tariffa Doganali Komuni [3], imħassar bir-Regolament(KEE) Nru 2658/87, stabbilixxa n-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tal-15 ta' Diċembru 1950 dwar in-nomenklatura għall-klassifika tal-oġġetti fit-tariffi doganali;

Billi l-Kummissjoni adottat numru ta' Regolamenti li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 97/69 tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex in-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni tiġi applikata b'mod uniformi [4], imħassar bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-oġġetti, imsejħa n-nomenklatura magħquda, li, simultanjament, tilħaq il-ħtiġiet tat-Tariffa Doganali Komuni u tal-istatistika barranija tal-Komunità, u hija msejsa fuq il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Oġġetti u s-Sistema tal-Kodifika, li tieħu l-post tal-Konvenzjoni tal-25 ta' Diċembru 1950;

Billi Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi illi l-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tal-oġġetti stabbiliti fuq il-bażi tan-Nomenklatura Magħquda jridu jieħdu l-post ta' dawk stabbiliti fuq il-bażi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1987;

Billi dawn ir-Regolamenti għadhom ta' sinnifikat prattiku u li t-traspożizzjoni tagħhom ma trid tinvolvi l-ebda bidla ta' sustanza għandhom jiġu emendati kif jixraq u b'hekk jikkumplimentaw serje inizjali ta' regolamenti li kienu ġew adottati bir-Regolament tal-Kummissjon (KEE) Nru 646/89 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolamenti elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness, li jirreferu għall-oġġetti deskritti fil-kolonna 2, il-kodiċijiet imsejsa fuq in-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fil-kolonna 3 għandhom jiġu mibdula bil-kodiċijiet imsejsa fuq in-Nomenklatura Magħquda elenkati fil-kolonna 4.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-24 ta' Settembru 1990.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 247, tal-10.9.1990, p. 1.
[3] ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
[4] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[5] ĠU L 71, tal-15.3.1989, p. 20.

ANNESS

Ir-Regolament (KEE) Nru	Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	In-Numru tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni	Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda
(1)	(2)	(3)	(4)
1523/70 [1]	Il-Laħam iddefrostjat parzjalment jew totalment tal-bhejjem domestiċi tal-fart	02.01 A II a)	0202
936/79 [2]	Ir-robbi ta' quddiem isseparati tal-bhejjem tal-fart fi stat frisk jew imkessaħ, li minnhom ġew imneħħija l-irkiekel *atlas* tas-sinsla	02.01 A II a) 4 aa)	0201 20 90
1669/77 [3]	Il-Laħam tat-tjur nej, iffriżat miksub mill-brix tal-għadam tat-tjur li minnhom ġew imneħħija l-qatgħat primi jew b'kull manjiera oħra (per eżempju, fit-tnaqqis ta' qatgħat ikbar għal qatgħat iżgħar) u li jikkonsistu minn biċċiet żgħar f'għamliet irregolari xi mdaqqiet bit-tessut fibruż, kollu qarquċa u xaħmi mwaħħal magħhom u li kull biċċa tiżen bejn wieħed u ieħor minn 5 sa 40 gramma	02.02 B 1	0207 41 10 0207 42 10 0207 43 11 0207 43 15
3555/81 [4]	Il-prodott li jikkonsisti f'riġlejn tal-majjal, bix-xaħam imneħħi, bil-ġilda ta' barra mneħħija, bil-għadam imneħħi, ittrattat b'injezzjoni ta' soluzzjoni ilmija tal-klorur tas-sodju li jkun fiha kwantitajiet żgħar ta' mluħ oħra u zokkor ieħor, u mbagħad immassaġġjat bil-vakwu	021.06 B I a) 7	0210 19 51
802/80 [5]	Il-Prodotti li jkollhom il-binja fiżika, it-togħma tipika u l-kompożizzjoni kwalitattiva kimika tal-butir iżda li jkollhom minn 75 sa 80 % biss ta' grassijiet tal-ħalib	04.03 A	0405 00 10
3516/84 [6]	Il-Prun bil-għadam imneħħi, lest għall-ikel, li jkollu kontenut ta' rtuba li ma taqbiżx il-35 %, li miegħu jkun ġie miżjud l-aċidu asorbiku	08.12 C	0813 20 00
3556/81 [7]	Il-Prodott, irkuprat wara t-tnaqqija tal-qamħiet tal-qamħ ir-rum u li jikkonsisti f'qamħiet tal-qamħ ir-rum imfarrka (miħuna f'biċċiet kbar) u kwantità żgħira ta' qamħiet tal-qamħ ir-rum iddeformati u taħt id-daqs u bejn 4 % u 5 % ta' żerriegħa oħra li jkollha kontenut tal-lamtu (stabbilit bil-metodu mmodifikat polarimetriku *Ewers*) ta' 66,5 % skond il-piż tal-prodott niexef u kontenut ta' rmied ta' 1,7 % skond il-piż tal-prodott niexef, u li minnu inqas minn 95 % skond il-piż irid jgħaddi minn għarbiel b'toqob ta' 2 mm	11.02 D V	1104 23 90
847/71 [8]	Il-partijiet ta' fuq tal-pitravi, bil-weraq tagħhom imneħħija, fil-għamla ta' biċċiet niexfa b'kontenut taz-zokkor fil-biċċa l-kbira jaqbeż is-60 % skond il-piż fil-materjal nixef	12.04 A II	1212 91 90
2748/79 [9]	Il-Prodott li għandu l-kompożizzjopni li ġejja: Karraġeenat tal-Kalċju 62,1 %, destrosi 32,9 %, sukrosi, 8 %	13.03 C III	1302 39 00
3534/87 [10]	Il-Biċċiet tat-tonn mingħajr il-ġilda ffriżati bil-qawwi ("ġenbejn tat-tonn") li jkun ġew imsajra minn qabel kemm bil-fwar u kemm bl-ilma, b'mod partikolari għalbiex jiffaċilitaw it-tneħħija tal-ġilda, u li jirriżultaw filli l-proteini jkunu parzjalment ikkoagulati	16.04. E.	1604 14 10
717/85 [11]	Il-Pastilji għas-sogħla u l-irritazzjoni tal-gerżuma li jkollhom il-kompożizzjoni li ġejja (il-perċentwali skond il-piż) — is-sukrosi, il-glukosi u l-karamella 99,500 — il-gamfra 0,007 — il-metanol: 0,207 — l-ewkaliptol: 0,069 — il-balzmu ta' Tolu: 0,003 — it-timol: 0,069 — l-alkol benżil: 0,138	17.04 D I	1704 90 55
1978/82 [12]	Il-Prodott li jikkonsisti fit-trab tal-kawkaw (kokodina) bi kwantitajiet żgħar (madwar 5 % tal-piż) ta' leċitina miżjuda	18.05	1805 00 00
3131/81 [13]	Sfineġ ("*pancakes*") bil-mili tal-ġobon (madwar 48 % tal-piż totali), imsajra minn qabel u ffriżati bil-qawwi għall-konsum wara qali rapidu fiż-żejt	19.08 B	1905 90 90

[1] ĠU L 167, tat-30.7.1970, p. 28.
[2] ĠU L 117, tat-12.5.1979, p. 19.
[3] ĠU L 186, tas-26.7.1977, p. 23.
[4] ĠU L 356, tal-11.12.1981, p. 24.
[5] ĠU L 87, tal-1.4.1980, p. 54.
[6] ĠU L 328, tal-15.12.1984, p. 8.
[7] ĠU L 356, tal-11.12.1981, p. 25.
[8] ĠU L 92, tal-24.4.1971, p. 26.
[9] ĠU L 311, tas-7.12.1979, p. 20.
[10] ĠU L 336, tas-26.11.1987, p. 14.
[11] ĠU L 78, tal-21.3.1985, p. 13.
[12] ĠU L 214, tat-22.7.1982, p. 11.
[13] ĠU L 312, tal-31.10.1981, p. 55.

Ir-Regolament (KEE) Nru	Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	In-Numru tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni	Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda
(1)	(2)	(3)	(4)
1709/74 (1)	Iċ-ċirasa imqiegħda f'taħlita tal-ilma u l-etil alkol xierqa għall-konsum immedjat	20.06 B I	nru 2008 60 11 lidz 2008 60 39
1385/83 (2)	Il-Prodott li jikkonsisti f'qamħiet tax-xgħir mingħajr in-nebbieta, mingħajr il-ħliefa, ingaljat u jista' jintuża fil-produzzjoni tal-birra bħala aġent tal-kolorizzazzjoni u li jagħti t-togħma, jew bħala sostitut tal-kafè	21.01 C II	2101 30 19
210/85 (3)	Il-Prodotti li ġejjin għall-bejgħ bl-imnut: (a) il-pilloli li jkun fihom il-kompożizzjoni li ġejja (f'kull pillola): — vitamina A 2 000 IU — vitamina Ċ 60 mg — vitamina D 200 IU — vitamina E 12 IU — vitamin B_1 1,1 mg; — vitamina B_2 1,2 mg — vitamin B_6 2 mg; — in-nijaċinamid 13 mg — il-pentotenat tal-kalċju 4,3 mg — vitamina B_{12} 3 µg — l-aċidu foliku 50 µg — il-bijotin 100 µg — il-ħadid 10 mg — iż-żingu 7,5 mg — il-manganesju 2 mg; — ir-ram 1 mg — il-molibdenu 150 µg — il-jodju 75 µg — is-selenju 50 µg — il-kromju 50 µg — is-sukrosi (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosi) 33 % — l-ilma (bejn wieħed u ieħor) 7 % (b) il-pilloli effervexxwenti li jkun fihom il-kompożizzjoni li ġejja (f'kull pillola): — vitamina B_1 1,1 mg; — vitamina B_2 1,5 mg — vitamina B_6 1,4 mg — vitamina B_{12} 5 µg — vitamina Ċ 75 mg — vitamina E 7 mg — in-nijaċinamid 11 mg — pentotenat tal-kalċju 10 mg — is-sukrosi (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosi) 48 % — l-imluħ effervexxenti, bit-togħma tal-laring u s-sakkarina	21.07 G I d) 1	2106 90 99
1464/87 (4)	It-taħlitiet tal-ikel fil-għamla ta' pilloli rettangolari effervexxenti (7 g piż kull pillola rettangolari) imqiegħda għall-bejgħ bl-imnut li jkollhom il-kompożizzjoni li ġejja (kull pillola rettangolari): — il-karbonat tal-kalċju: 0,327 g, — il-galattoglukonat tal-kalċju: 1,0 g, — l-aċidu asorbiku: 1,0 g, — is-sakkarina, il-melħ tas-sodju: 0,014 g, — il-lamtu: 0,020 g, — il-glikol tal-polietilene 0,150 g, — l-idroġenukarbonat tas-sodju (il-bikarbonat tas-sodju): 1,0 g, — l-aċidu ċitriku: 1,465 g, — is-sukrosi (28,7 %) u t-togħma tal-lumi: 2,009 g	21.07 G I c) 1	2106 90 99

(1) ĠU L 180, tat-3.7.1974, p. 15.
(2) ĠU L 141, tal-1.6.1983, p. 43.
(3) ĠU L 24, tad-29.1.1985, p. 11.
(4) ĠU L 138, tat-28.5.1987, p. 38.

Ir-Regolament (KEE) Nru	Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	In-Numru tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni	Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda
(1)	(2)	(3)	(4)
1087/83 (1)	Ix-xorb prodott bil-fermentazzjoni tat-tferrigħ tal-maltu biż-żieda tal-ħopp, li jkollu qawwa alkolika li ma taqbiżx iż-0,5 % vol., xi mdaqqiet imsejjaħ "birer mhux alkoliċi"	22.02. A	2202 90 10
199/82 (2)	It-Taħlita minn qabel li tikkonsisti mir-ronidażol (*INN*) (12 % skond il-piż ikkalkolati fuq il-prodott niexef) fuq bażi tal-gluten tal-qamħ ir-rum (li jkun fih inqas minn 10 % lamtu)	23.07 B I a)	2309 90 31
200/82 (3)	It-Taħlita minn qabel li tikkonsisti mill-idroklorur tal-ossitetraċilin (*INNM*) (20 % skond il-piż ikkalkolati fuq il-prodott niexef) fuq bażi tal-karbonat tal-kalċju	23.07. C.	2309 90 99
3517/84 (4)	Iz-zkuk tal-weraq, iz-zkuk tal-pjanta u l-irfinaturi tal-weraq tat-tabakk	24.01 B	2401 30 00
3311/86 (5)	It-Tabakk maqtugħ u espandut (mhux imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut), li mill-inqas 80 % tiegħu skond il-piż jgħumu fil-wiċċ meta jiġu mqiegħda fl-aċetat tal-benżil (stabbilit bil-proċedura analitika stabbilita fl-Anness ma' dan ir-Regolament)	24.02. E.	2403 99 90

(1) ĠU L 118, tal-5.5.1983, p. 15.
(2) ĠU L 21, tad-29.1.1982, p. 19.
(3) ĠU L 21, tad-29.1.1982, p. 20.
(4) ĠU L 328, tal-25.12.1984, p. 9.
(5) ĠU L 305, tal-31.10.1986, p.30.